

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 182/2012**

**tat-28 ta' Settembru 2012**

**li temenda l-Anness XIX (Protezzjoni tal-konsumatur) għall-Ftehim ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIX għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 109/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 (¹).
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 954/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) L-Anness XIX għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

### *Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiddaħħal fil-punt 7f (ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIX għall-Ftehim ŻEE:

“— **32011 R 0954:** ir-Regolament (UE) Nru 954/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 (ĠU L 259, 4.10.2011. p. 1).”

### *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 954/2011 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012, sakemm in-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħi.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

**Għall-Kumit Kat Konġunt taż-ŻEE**

**Il-President**

**Atle LEIKVOLL**

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, 4.10.2012, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 259, 4.10.2011, p. 1.

<sup>(\*)</sup> L-ebda rekwiżiti kostituzzjoni ma huma indikati.